fi compass
FEŻR

*avvanz bl-istrumenti finanzjarji tal-FSIE*



# Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali

## Strumenti finanzjarji

Il-Kummissjoni Ewropea

Bank Ewropew tal-Investiment
il-bank tal-UE

**Strumenti finanzjarji ko-finanzjati mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali huma mod sostenibbli u effiċjenti biex wieħed jinvesti fit-tkabbir u fl-iżvilupp tal-individwi u tan-negozji fir-reġjuni u fl-ibliet tal-UE. Dawn jistgħu jappoġġjaw varjetà ta' objettivi ta' żvilupp għall-benefiċċju ta' firxa wiesgħa ta' riċevituri bil-potenzjal li l-fondi jistgħu jerġgħu jiġu wżati għal investimenti ulterjuri.**

Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), wieħed mill-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej, jikkontribwixxi għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv, kif ukoll jimmira li jsaħħaħ il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali fir-reġjuni u fl-ibliet tal-UE.

Għal perjodu bejn l-2014-2020, il-FEŻR għandu baġit globali ta' kważi €200 biljun biex jappoġġja t-tkabbir ekonomiku, joħloq aktar impjiegi u jnaqqas l-inugwaljanzi reġjonali.

L-appoġġ tal-FEŻR jista' jiġi provdut permezz ta' għotjiet u, jiżdied dejjem aktar, permezz tal-istrumenti finanzjarji.

Sa tmiem l-2013, il-FEŻR ħallas 'il fuq minn €9 biljun fi strumenti finanzjarji billi provda self, garanziji u ekwitajiet fi kważi kull Stat Membru fl-UE. 'Il fuq minn 200,000 individwu u ditta rċivew appoġġ għall-iżvilupp tan-negozju, għall-proġetti urbani u għall-investimenti fi proġetti ta' effiċjenza fl-enerġija u fl-enerġiji rinnovabbli. Madwar 90% ta' dan kien appoġġ għall-iżvilupp ta' negoziji mmirat għall-ditti ta' daqs żgħir jew medju.

**Strumenti finanzjarji**

- huma mistennija li jiġu mħallsa lura;
- huma rotanti i.e. il-fondi mħallsa lura jerġgħu jintużaw għal darboħra fl-istess żona;
- huma addattati għall-proġetti finanzjarjament vijabbli, i.e. dawk li huma mistennija li jiġġeneraw biżżejjed qligħ jew tfaddil sabiex jitħallas lura l-appoġġ li ġie mirċievi;
- huma mfassla biex jattiraw ko-investiment minn sorsi oħra, li jinkludu investiment privat, biex jiżdied l-ammont ta' fondi disponibbli f'setturi/oqsma partikolari fejn hemm problemi fl-aċċess għall-finanzi;
- jistgħu jieħdu l-forma ta' self, garanziji jew ekwitajiet;
- jistgħu wkoll jappoġġjaw żvilupp tat-tip 'supply-side', billi jikkontribwixxu għall-iżvilupp tas-suq;
- jistgħu jiġu wżati b'mod komplimentari mal-għotjiet; u
- jistgħu jkunu amministrati minn banek nazzjonali jew reġjonali, organizzazzjonijiet internazzjonali bħal m'huwa l-Bank Ewropew għall-Investiment jew l-Fond Ewropew għall-Investiment, minn intermedjarji finanzjarji, u (għas-self u garanziji biss) minn awtoritajiet maniġerjali.

Fil-perjodu bejn l-2014-2020, bir-rikonoxximent tal-vantaġġi tal-istrumenti finanzjarji, l-użu tagħhom ser jiġi estiż **għall-objettivi tematiċi kollha** u huwa mistenni li ser jiżdied minħabba titjib u aktar flessibilità fl-għażliet tal-implimentazzjoni.

Strumenti finanzjarji ko-finanzjati mill-FEŻR jistgħu **potenzjalment jiġu wżati għall-prijoritajiet ta' investiment kollha kif deskritt fil-programmi operazzjonali tal-FEŻR tal-Istati Membri u tar-reġjuni,** sakemm dawn jindirizzaw **vojt identifikat fis-suq,** i.e. oqsma fejn il-banek mhumiex lesti li jsellfu u/jew fejn is-settur privat m'huwiex lest li jinvesti (per eżempju fejn is-suq mhux jissupplixxi biżżejed kapital għall-SMEs/negozji li għadhom kemm fetħu, fejn m'hemmx biżżejjed finanzjamenti disponibbli għall-ditti ta' tkabbir għoli jew fejn is-self tal-bank kummerċjali huwa limitat jew jiġi b'kundizzjonijiet li d-ditti ma jistgħux jilħquhom).

Strumenti finanzjarji jistgħu b'hekk jikkontribwixxu għall-kisba ta' sett vast ta' prijoritajiet ta' investiment tal-FEŻR, per eżempju:

- jippromwovu l-investiment tan-negozji fir-R&I;
- jestendu l-varar ta' broadband u t-tnedija ta' netwerks b'veloċità għolja u jiżviluppaw prodotti, servizzi u kummerċ elettroniku fl-ICT;
- jappoġġjaw il-kapaċità tal-SMEs sabiex jikbru u jinvolvu ruħhom fi proċessi ta' innovazzjoni, li tinkludi żvilupp ta' mudelli tan-negozji ġodda;
- jippromwovu l-produzzjoni u d-distribuzzjoni ta' enerġija rinnovabbli, ta' enerġija effiċjenti u ta' enerġija riġenerata fl-intrapriżi, fl-infrastrutturi pubbliċi u fir-residenzi;
- investimenti għall-addattament għat-tibdil fil-klima;
- jinvestu fis-setturi tal-iskart u tal-ilma;
- itejjbu l-ambjent urban, li jinkludi riġenerazzjoni ta' artijiet abbandunati;
- jappoġġjaw transizzjoni industrijali lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju; u
- jappoġġjaw it-transport ibbażat fuq diversi livelli, u li jkun favur l-ambjent, u l-mobiltà reġjonali.

Flimkien ma' dan, minħabba li l-appoġġ tal-FEŻR għandu jiffoka fuq diversi setturi ta' prijorità li huma magħrufa bħala "l-konċentrazzjoni tematika", l-użu ta' strumenti finanzjarji jista' jitqies li huwa f'livell għoli fis-setturi tar-R&I, tal-appoġġ lill-SME u tal-enerġija effiċjenti u tas-sorsi rinnovabbli tal-enerġija.

Strumenti finanzjarji ko-finanzjati mill-FEŻR jistgħu għalhekk jintużaw sabiex **jappoġġjaw firxa wiesgħa ta' proġetti**, minn infrastruttura pubblika jew proġetti ta' investiment produttiv, għall-appoġġ fir-residenzi sabiex titjieb il-prestazzjoni tal-enerġija effiċjenti fid-djar tagħhom.

**Firxa wiesgħa ta' strumenti finanzjarji tal-FEŻR** jistghu potenzjalment jiġu implimentati.

- **Self**, li jista' jkun disponibbli fejn ma jkun hemm ebda self ieħor offrut kummerċjalment (eż. mill-banek), jew jista' jkun b'termini ferm aħjar minn dawk kummerċjali (eż. b'rati ta' interess aktar baxxi, perjodi ta' ħlas lura itwal, jew b'anqas kollateral meħtieġ). Per eżempju, self tal-bidu mingħajr ebda interess jista' jkun offrut f'ċerti reġjuni speċifiċi lill-intraprendisti li jimmiraw li jibnu l-SMEs tagħhom.

- **Mikrokrediti**, li huma bħas-self iżda f'forma ferm iżgħar jsiru għall-persuni li xi kultant jiġu esklużi mis-servizzi finanzjarji, ħafna drabi jiġu provduti għal perjodu qasir ta' żmien u mingħajr jew bi ftit kollateral meħtieġ. Eżempju jista' jkun fond ta' mikrokreditu li joffri appoġġ ta' self immirat għall-persuni fi żvantaġġ, kummerċjanti waħdiena, soċjetajiet, kumpaniji limitati u intrapriżi tat-tielet settur f'xi reġjun.

- **Garanziji**, fejn tingħata assigurazzjoni lil min ikun qed jislef, li l-kapital tagħhom ser ikun mħallas lura jekk min issellef jonqos milli jħallas is-self. Per eżempju, jistgħu jiġu ffurmati kontrogaranziji kontra l-portafoll ta' garanzija ta' xi aġenziji nazzjonali tal-SME, b'hekk fl-aħħar mill-aħħar jitnaqqsu l-ispejjeż finanzjarji tan-negozji li huma SME u jiġi faċilitat l-aċċess tal-SME għall-finanzi ta' dak il-pajjiż.

- **Ekwità**, fejn il-kapital jiġi investit bħala korrispettiv għall-pussess totali jew parzjali ta' ditta; l-investitur ekwu jista' jassumi xi kontroll maniġerjali tad-ditta u jista' jaqsam il-profitti tad-ditta. Dan jista' jinkludi kapital ta' riskju u kapital fi stadju bikri (finanzjament inizjali jew lin-negozji li għadhom kemm jiftħu). Il-qligħ jiddpendi fuq it-tkabbir u l-profitabbiltà tan-negozji u tinkiseb meta l-investitur jbiegħ is-sehem tiegħu tan-negozju ("ċessjoni") lill-investitur ieħor jew permezz ta' offerta inizjali għall-pubbliku (OIP). Fondi kapitali ta' riskju reġjonali ko-finanzjati investew b'suċċess, per eżempju, fis-setturi bħal ma huma x-xjenzi tal-ħajja, l-IT/komunikazzjoni, l-industrija/trasport, l-kummerċ u teknoloġiji tal-enerġija/ambjentali.

Strumenti finanzjarji jistgħu jiġu offruti wkoll flimkien ma' għotjiet u forom oħra ta' assistenza. Ħafna drabi huwa neċessarju li tiġi mtejjba l-prontezza tal-investiment bħala pre-rekwiżit sabiex jatratta fondi ta' investiment. Konsulenzi u tipi oħra ta' appoġġ jistgħu jiġu mogħtija permezz tal-FEŻR.

Strumenti finanzjarji ko-finanzjati mill-FEŻR jistgħu jikkontribwixxu b'mod sinnifikanti għall-żmien fit-tul fl-iżvilupp tas-suq permezz ta' żvilupp u appoġġ tal-provvisti, billi jiġu stimulati u appoġġjati proġetti kummerċjalment vijabbli u jinfetħu opportunitajiet ġodda fis-suq. Dawn jistgħu wkoll joħolqu opportunitajiet għall-investituri u intermedjarji finanzjarji hekk kif il-proġetti jistgħu jsiru investimenti aktar attraenti permezz tal-parteċipazzjoni tas-settur pubbliku fl-istrumenti finanzjarji u t-tqassim tar-riskju relatat.

## Għall-aktar informazzjoni

Għall-informazzjoni dwar l-istrumenti finanzjarji u l-politika reġjonali:
http://ec.europa.eu/regional_policy/en/funding/financial-instruments/

http://ec.europa.eu/regional_policy/sources/docgener/informat/2014/financial_instruments_en.pdf

Għal gwida ta' referenza għall-awtoritajiet maniġerjali dwar l-istrumenti finanzjarji fi programmi tal-FSIE:
http://ec.europa.eu/regional_policy/sources/thefunds/fin_inst/pdf/fi_esif_2014_2020.pdf

Għall-informazzjoni dwar il-metodoloġija ta' valutazzjoni ex ante ħall-istrumenti finanzjarji:
http://ec.europa.eu/regional_policy/en/funding/financial-instruments/

Għas-sit elettroniku tal-'fi-compass', il-pjattaforma tas-serivzzi konsultattivi dwar l-istrumenti finanzjarji taħt l-FSIE:
http://www.fi-compass.eu/

Għall-legislazzjoni tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej:
http://ec.europa.eu/regional_policy/mt/information/legislation/regulations/



## *Fond Ekoloġiku ta' Londra*

EUR 479 miljun
Inkluż. EUR 71 miljun FEŻR
Self, Ekwità, Garanzija
Effiċjenza fl-enerġija u skart
Renju Unit

### *... appoġġ għall-bidla f'Londra għall-ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju ...*

Il-Fond Ekoloġiku ta' Londra jimmira li jinvesti fl-effiċjenza tal-enerġija, l-iskart u f'akkomodazzjoni soċjali aktar ekoloġika. Huwa ddisinjat sabiex jindirizza l-imperfezzjonijiet fis-suq li jagħmlu lill-proġetti (jew partijiet mill-proġetti) wisq riskjużi għas-settur privat, eż. domanda inċerta tas-suq, teknoloġija ġdida jew emergent, jew żmien twil anormali sakemm jiġi ġġenerat il-qligħ.
Previżjonijiet ta' impatt jipprevedu l-ħolqien ta' aktar minn 2,000 impjieg, 215,000 tunnelata fis-sena anqas ta' diossidu tal-karbonju, u 330,000 tunnelata fis-sena ta' skart fil-miżbla.
Dan l-eżempju juri l-flessibilità ta' struttura ta' fondi miżmuma sabiex twessa' l-għażliet ta' konsenja, u kif strument finanzjarju jista' jattratta riżorsi addizzjonali u jippermetti input akbar mis-settur privat.



## *First Loss Portfolio Guarantee*

EUR 60 miljun
Inkluż. EUR 51 miljun FEŻR
Garanzija
SME
Bulgarija

### *... indirizzat l-vojt fil-finanzjament kummerċjali minħabba nuqqas ta' kollaterali mill-SMEs ...*

First Loss Portfolio Guarantee fil-Bulgarija timmira li tnaqqas l-averżjoni lejn ir-riskju tal-iffinanzjar tal-SME u r-rekwiżiti kollaterali għoljin relatati fis-settur bankarju. Il-garanzija provduta lill-banek lokali tirriżulta f'rati ta' interess baxxi u rekwiżiti ta' kollateral aktar baxxi għall-SMEs, b'hekk tkun qed tkisser ċikli vizzjużi ta' 'ebda kreditu – ebda investimenti – ebda tkabbir – ebda fiduċja. Il-fond ser jippermetti li jinbena portafoll ta' self ta' aktar minn EUR 300 miljun. Mill-2011 dan kien ta' benefiċċju għal kważi 4,000 SMEs, f'suq tradizzjonalment riluttanti biex jappoġġja mikro-intrapriżi, proġetti b'riskju għoli jew soluzzjonijiet innovattivi.



## *SAS JEREMIE Languedoc-Roussillon*

EUR 11-il miljun
Inkluż. EUR 5.5 Miljun FEŻR
Ekwità
SME
Franza

### *... tisħiħ tal-innovazzjoni, tat-tkabbir u tal-kompettitività tal-ekonomija reġjonali ...*

JEREMIE Languedoc-Roussillon jinvesti ekwità bi prijorità fuq kumpaniji żgħar b'potenzjal kbir, speċjalment fit-teknoloġija tal-informatika u fis-setturi tas-saħħa. Il-fond miżmum addizzjonalment joffri wkoll self u garanziji għall-kumpnaiji fi stadji differenti tal-iżvilupp tagħhom.
21 kumpanija bbenefikaw minn investimenti ta' ekwità mill-2010, li minnhom 2 diġà għamlu l-pass li jmiss sabiex jgħollu l-kapital fil-Borża.
Dan l-eżempju juri li strument finanzjarju jista' jattratta ko-investiment privat sostanzjali u jżid it-tkabbir tal-SMEs reġjonali.

**www.fi-compass.eu**
**contact@fi-compass.eu**
© EIB (2015)

**European Commission**
Directorate-General
Regional and Urban Policy
Unit B.3 "Financial Instruments and IFIs' Relations"
B-1049 Brussels

**European Investment Bank**
Advisory Services
fi-compass
98-100, boulevard Konrad Adenauer
L-2950 Luxembourg